MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru. 489/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Bjorn Borg**

Illum id-19 ta’ Mejju tas-sena 2010.

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Bjorn Borg ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, bin il-mejjet Joseph u l-mejta Doris nee` Monreal, imwieled il-Pieta` nhar l-20 ta’ Jannar tas-sena 1983 u residenti gewwa l-fond numru 71, ‘Bjorndorjoe’, Triq Ruzar Briffa, Mosta u li huwa detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 83283(M);

Talli nhar it-12 ta’ Mejju tas-sena 2010 ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu (1.00a.m.), minn go Vjal l-Indipendenza, Mosta:

1. Ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAV 849 ta’ l-ghamla *Toyota Hilux* ghad-dannu ta’ Anthony Sciberras mill-Mosta u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 279, 270 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U talli wkoll nhar it-18 ta’ Mejju tas-sena 2010 ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu minn go garaxx li jifforma parti mir-residenza ‘*Meadow Vale*’ li tinsab fi Triq l-Isperanza, Mosta, ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CRM 243 tal-ghamla *Opel Vectra* u erba’ (4) cilindri tal-gass ghad-dannu ta’ Carmela Muscat mill-Mosta u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. U talli wkoll fit-18 ta’ Mejju tas-sena 2010 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer saq il-vettura IAV 849 ta’ ghamla *Toyota Hilux* u l-vettura CRM 243 ta’ ghamla *Opel Vectra* minghajr licenzja tas-sewqan u dan ai termini tal-artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U tall wkoll fit-18 ta’ Mejju tas-sena 2010 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer saq il-vettura IAV 849 ta’ ghamla *Toyota Hilux* u l-vettura CRM 243 ta’ ghamla *Opel Vectra* minghajr ma kien assigurat kontra riskji ta’ terzi persuni u dan ai termini tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Issibu hati;

Wara li tat ukoll l-opportunita` lill-imputat jirrikonsidra d-dikjarazzjoni ta’ htija tieghu, rat li kkonfermha u ghalhekk tikkonferma wkoll il-htija tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti;

Rat l-artikli 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 270, 271 (8), 278 (8), 280 (1), 281 (b), 49, 50, 289 u 17 (b) tal-Kap 9;

Rat l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65;

Rat l-artikolu 3 (1) (d) tal-Kap 104;

U tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja (prigunerija), ghall-perjodu ta’ sentejn u sitt xhur;

Rat ukoll l-artikolu 30 tal-Kap 9 u tordna li l-imputat ikun skwalifikat milli japplika ghall-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ hames (5) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------